**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 51/2020

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Andre' Muscat**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2022

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Andre' Muscat, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 259597M, talli nhar it-30 ta' Mejju 2018 u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer;

1. Biegh jew xort'ohra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta' l-Art 8 (e) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Ikkommetta dawn ir-reati jew offra li jaghmel dawn ir-reati lil minuri bi ksur tal-artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli nhar it-30 ta' Mejju 2018 u fis-sentejn ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta presjeduta mill-Magistrat Dr.F.Depasquale LL.D. nhar il-21 t'Ottubru 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ts-27 ta' Frar, 2020 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' disa' (9) xhur u ghall-hlas ta' multa ta' €500 kif ukoll ghall-hlas tas-somma ta' €391 rapprezentanti spejjez inkorsi mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u ordnat il-konfiska tad-Dok FT3 u FT5, distruzzjoni tad-dokumenti FT4, FT6. FT7 u FT8;

Rat ir-rikors tal-appellant Andre' Muscat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Marzu 2020, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi timponi piena aktar ekwa u idoneja minflok dik erogata;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-appellant u tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi f'dan l-appell, l-appellant jillanja s-sentenza appellata bl-aggravju singolari dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti b'argumenti li jistghu jkunu meqjusa bhala argument wiehed dwar l-idonejita' tal-piena karcerarja ossia n-nuqqas taghha ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

2. Illi ezaminati l-atti processwali, jemergi illi l-imputat appellant kien rregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proceduri meta allura tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet ta' trafikkar tad-droga cannabis konsistenti f'bejgh taghha lill-minuri u li konsegwentement d-delitt hu aggravat b'dan il-fatt, pussess tal-pjanta Cannabis jew bicca minnha u bl-addebitu tar-recidiva. L-atti processwali juru li ma xehed hadd f'din il-kawza u ghalkemm jista' jaghti fid-deher li ma kienx hemm indikazzjoni tal-ammonti ta' droga involuti, minn qari tal-istqarrija volontarja tal-imputat u mhux minnu kontestata jemergu s-segwenti dettalji kif elenkati fil-paragrafu numru 3;

3. Din l-istqarrija tinsab esebita a fol 11 tal-atti processwali, ggib id-data tal-31 ta' Mejju, 2018 u hija preceduta b'dikjarazzjoni tal-istess imputat esebita a fol 10 li

fiha jghid li inghata l-fakulta li jitkellem ma' avukat jew prokuratur legali wicc imb'wicc jew bit-telefon kif ukoll li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni u li kien qed jirrinunzja ghal dik il-fakulta'. L-imputat kien stqarr illi l-pulizija kienu sabu fuq il-persuna tieghu 0.71 gramma *grass* u karti tal-brim. Stqarr ukoll illi persuna indikat b'isimha fuq it-telefon tieghu talbitu jakkwistalha mitt gramma Cannabis u fil-fatt akkwista dak l-ammont u ghaddieha lil dik il-persuna bl-istess prezz li xtraha liema droga kienet ukoll fil-pussess tal-Pulizija u kkonferma li dik kellha tizen mitt gramma meta murija lilu. Illi ghalhekk dan il-kaz jitratta dwar traffikar ta' mitt gramma haxixa tal-Cannabis u pussess ta' ammont izghar. Il-prosekuzzjoni izda ezebiet ukoll zewg boroz zghar allegatament kontenenti l-haxixa tal-Cannabis;

4. Illi l-imputat ammetta b'mod inkondizzjonat l-imputazzjonijiet kollha inkluz ghalhekk l-aggravju tal-bejgh ta' droga lill-persuna minuri. Issa, skond l-artikolu 22 (2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta, l-ewwel imputazzjoni wahidha timporta piena ta' prigunerija tassattiva ta' bejn sitt xhur u ghaxar snin, apparti l-piena pekunarja, liema piena **<u>ghandha</u>** tizdied bi grad meta jirrizulta l-aggravju skond it-tieni proviso tal-istess subartikolu meta l-bejgh isir lill-minuri. Bl-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali fuq it-tlugh u l-inzul minn piena ghall-ohra, minimu ta' sitt xhur mizjud bi grad jissarraf f'disa' xhur. Issa l-imputat ammetta ukoll ghall-addebitu tar-recidiva li skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali jaghti lill-Qorti diskrezzjoni biex izzid dik il-piena bi grad jew tnejn. F'dan il-kaz l-ewwel Qorti ghazlet li ma zzidx il-piena b'din l-

ahhar fakolta u ghalhekk imponiet il-piena tassattivament mizjuda fil-minimu taghha;

5. Illi l-ewwel Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena mgharufa u dawn jimmeritaw li jkunu riprodotti ghall-ahjar intendiment:

*Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju fattur importanti hafna huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Fatturi ohra li jassumu importanza huma l-kwantita' u x-xorta tad-droga li fuqha huma bazati l-imputazzjonijiet odjerni, li ma kenitx kwantita allarmanti kif ukoll il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali kwazi netta.*

*Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll is-social enquiry report ta'l-ufficjal tal-probation u r-rapport redatt mill-psikologu Dr. Kevin Sammut Henwood. Minn dawn ir-rapporti jidher li l-imputat kellu problema b'l-abbuz tal-cannabis u li issa din il-problema hija kontrollata. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-piena ghandha tkun aktar vicin tal-minimu previst mil-Ligi.*

6. Fl-aggravji tieghu l-appellant ghamel referenza ghal-sentenzi ta' din il-Qorti li fihom kien enuncjat b'mod favorevoli il-principju favur il-gustizzja reformattiva liema principju ghadu validu anke llum u applikat b'mod aktar frekwenti. Dan izda ma jiswa' xejn ghall-kwistjoni hawn devoluta ghaliex fl- ewwel lok l-imputat appellant jaf tajjeb illi l-piena erogata

mill-ewwel Qorti hija wahda tassattiva u din kienet applikata fil-minimu taghha ghaliex il-Qorti ma kellha l-ebda diskrezzjoni dwar jekk timponix piena karcerarja jew le u kellha biss diskrezzjoni fil-*quantum* liema diskrezzjoni ezercitat bl-aktar mod ghaqli tenut ic-cirkostanzi tal-kaz quddiemha emergenti miz-zewg rapporti prezentati quddiemha li kienu juru bniedem riformat. Fit-tieni lok, is-sentenzi citati huma dwar reati li ma kienux jimpurtaw piena karcerarja tassattiva fejn allura setghet, kif gara, tkun applikata piena alternattiva. Hija hasra illi la darba l-imputat kien konxju ta' dan ttanta jappella ghall-klemenza ta' din il-Qorti meta tali klemenza mhix kominabbli ghar-ragunijiet appena moghtija. Dan ghandu l-potenzjal li jharbat il-progress li ghamel l-appellant fil-hajja tieghu meta heles mill-vizzju u stabilixxa ruhu fil-hajja lavorattiva u trid tkun ir-rieda tajba tieghu illi jeghleb it-tentazzjonijiet u li jerga jsib xoghol stabbli;

7. Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appell qed ikun michud.